**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Sandra Zammit]**

**vs**

**Stephen Zammit**

**Kumpilazzjoni Numru: 757/12**

**Illum, 20 ta' Novembru, 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Stephen Zammit detentur tal-karta tal-identita` numru 315975M.

Akkuzat tall fil-25 ta' Gunju 2012, fi Triq il-Knisja l-Qadima, B'Kara:

1. Ikkommetta serq minn gewwa vettura bin-numru ta' registrazzjoni GAO276 tal-ghamla Toyota Starlet ghad-detriment ta' Joseph Lovegrove, ID NO 24985M, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bix-xorta tal-haga;
2. Volontarjament ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni GAO276 tal-ghamla Toyota Starlet ghad-detriment ta' Joseph Lovegrove, ID No 24985M, liema hsara hija mhux izjed minn elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (1,164.69) pero` izjed minn mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (116.47); u
3. Aktar talli sar recediv ai termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat illi l-imputat ammetta l-akkuzi kif dedotti kontrih fis-seduta tal-hamsa (5) ta' Ottubru elfejn u hmistax (2015) u kkonferma tali ammissjoni fis-seduta tad-disgha (9) ta' Mejju elfejn u sittax (2016);

Rat illi l-imputat, flimkien mal-ammissjoni, wera x-xewqa li jirriforma ruhu u dan wara perjodu residenti fil-habs ta' Kordin fejn irrejalizza l-izbalji li ghamel u huwa dispost ukoll ihallas id-dannu li huwa kkaguna lill-vittma mertu ta' dawn il-proceduri;

Ghalkemm ma giex mitlub l-ebda rapport minghand Probation Officer mid-difiza, din il-Qorti setghet tikkonstata mill-atteggjament tal-imputat li huwa verament jixtieq jirriforma ruhhu u ghalhekk din il-Qorti ma thossx li ghandha tinnega din l-opportunita` lill-imputat biex jaghmel dan anke in vista tal-fatt li l-fedina penali tieghu hija wahda refrattarja u anke in vista li hu ghandu l-addebitu tar-recidiva;

Ghalhekk il-piena li ser tkun inflitta lilu ser tikun wahda intiza sabiex l-imputat ikompli jghix hajja decenti lil'hinn minn kull vizzji u reati u ghalhekk ser tkun piena versu r-riabilitazzjoni fil-kommunita` tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 49, 50 u 289, 263, 261 (b) (g), 271(g) u 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **Stephen Zammit** hati fuq ammissjoni tieghu tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u stante

li t-tieni (2) akkuza hija mezz ghall-fini tal-ewwel (1) akkuza, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tpoggih taht Ordni ta' Probation ghal zmien tliet (3) snin.

Inoltre u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-imputat qed jigi kkundannat sabiex ihallas l-ispejjez peritali ammontanti ghal mitejn u tnejn u tletin Ewro u hames centezmi (232.05) fi zmien tliet (3) snin millum kif ukoll is-somma ta' disa' mija u sebgha u sebghin Ewro u erbgha u hamsin centezmu (977.54) lill-parte civile Joseph Lovegrove fi zmien tliet (3) snin ukoll.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imuptat, ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**Ft./Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Dep. Reg.**